MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 15

30 ta' Ġunju 2020

Minuti tal-ewwel parti tas-seduta Nru. 15 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu permezz ta' Skype.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet irrekordjata.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## Kondoljanzi

Is-Sindku D. Vella aċċenna għat-telfa tas-Sur Anthony Castillo li ġrat fit-22 ta' Ġunju 2020 u ta l-kondoljanzi tiegħu lill-Kunsillier I. Castillo. Il-Kunsill kollu naqgħad mas-Sindku. Il-Kunsillier I. Castillo rringrazzja lil dawk kollha li attendew il-funeral, jew li b'xi mod wera is-sogħba tiegħu għall-mewt ta' missieru.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillieri E. Bartolo u A. Brincat Stellini rreferew għall-minuta 2.6.1. **(Ref: K/11)** u talbu li din tinqara kif jidher hawn taħt:

*"2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.29.6. tas-seduta preċedenti u qalet li fil-31 ta' Mejju 2020, ma setax isir użu mill-mobile blood donation unit u minflok sar użu mis-sala tal-Kunsill, fejn is-servizz li ngħata kien sodisfaċenti ħafna. Għaldaqstant hija pproponiet lit-tim involut sabiex is-servizz jibqa' jingħata mill-istess post. Hija qalet ukoll li ngħataw 44 borża demm. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li huwa jaqbel illi tibqa' tintuża s-sala tal-Kunsill u forsi jista' jingħata aktar demm jekk is-servizz jitqassam fuq jumejn – is-Sibt u l-Ħadd, filwaqt li ma jkunx hemm ħtieġa tat-traġitt bil-unit.".*

1.3. Il-minuti taż-żewġ partijiet tas-Seduta Nru. 14, li saru fit-2 u l-10 ta' Ġunju 2020, ġew approvati skont il-minuta 1.2. aktar 'il fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier (T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV)

2.1.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għall-minuta 3.2.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fl-10 ta' Ġunju 2020 saret laqgħa virtwali meta l-kumitat imsemmi ltaqgħa mas-Sur J. Tabone mill-Ministeru tat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġett Kapitali u s-Sur I. P. Vella minn Transport Malta. Kienu qed isegwu wkoll is-Sindku D. Vella, il-Kunsillier E. Bartolo, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Fl-istess laqgħa ġiet ippreżentata pjanta li turi proposta li saret minn Infrastructure Malta li turi l-*interchange* għall-karozzi tal-linja madwar ir-*roundabout* ta' Selmun. Huwa spjega li l-*interchange* mhux possibbli li jsir fi Triq Selmun, peress li tkun trid tittieħed art l'hinn miż-żona għall-iżvilupp. Il-proposta mressqa tinvolvi tnaqqis mis-*soft areas* u siġriet li hemm madwar ir-*roundabout* sabiex joqgħodu l-karozzi tal-linja biex itellgħu/iniżżlu l-passiġġieri.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg stqarr li huwa ma jaqbilx ma' din il-proposta, għaliex jekk jintuża l-post fejn kien hemm l-*interchange* fl-2010 fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, ma jkunx hemm ħtieġa li l-karozzi tal-linja jieqfu mar-*roundabout*. Huwa spjega li l-karozzi ġejjin mid-direzzjoni ta' Triq Lewis Wettinger u mit-Telgħa ta' Selmun jidħlu fi Triq il-Kbira, jduru għall-parkeġġ ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u joħorġu direttament għar-*roundabout* minn fetħa li trid issir fis-*soft area*. Huwa qal li din il-proposta tinvolvi l-inqas spejjeż u interventi, peress li kull ma jrid isir huwa li tinħoloq *layby* għall-karozzi tal-linja fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u ssir fetħa fis-*soft area* li tgħaqqad Triq l-Iżbark tal-Franċiżi direttament mar-*roundabout*.

2.1.4. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li l-proposta skont il-minuta 2.1.3. għandha tiffunzjona aħjar minn dik li saret minn Infrastructure Malta skont il-minuta 2.1.2., għaliex telimina l-ipparkjar ta' karozzi tal-linja madwar ir-*roundabout*. Huwa osserva wkoll li bil-ħolqien ta' *layby* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, xorta waħda jibqa' spazju għall-*bring-in site*, għalkemm din tista' issir taħt l-art.

2.1.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li hija taqbel mal-proposta skont il-minuta 2.1.3., u staqsiet dwar jekk it-tibdil fir-rotot tal-karozzi tal-linja kinux ġew approvati.

2.1.6. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg wieġeb li fl-aħħar laqgħa li kien hemm tal-10 ta' Ġunju 2020, ir-rotot ma ssemmewx u għalhekk jidher li l-uniku diskussjoni li fadal tinvolvi l-*interchange*. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li ssir stqarrija għall-istampa, sabiex il-pubbliku jkun infurmat bil-kuntatti li għaddejjin u jingħata l-opportunità jagħti r-rispons tiegħu. Abbozz tal-istqarrija nqara waqt is-seduta. li minbarra li l-istqarrija tiġi mgħoddija lill-istampa u mezzi elettroniċi, kif ukoll għandha titqassam f'forma ta' ittra fin-negozji tat-toroq ewlenin.

2.1.7. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li l-istqarrija għandha tkun ċara biżżejjed sabiex il-pubbliku ma jieħux l-impressjoni li r-rotot kollha li attwalment jgħaddu minn Triq Ġorġ Borg Olivier ser jiġu affettwati. Qalet ukoll li l-istqarrija tista' tiġi nserita fil-ħarġa li jmiss tal-magażin tal-Kunsill.

2.1.8. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa jaqbel mal-proposta skont il-minuta 2.1.3., filwaqt li ġibed l-attenzjoni li jista' jkun hemm diffikultà biex il-karozzi tal-linja jduru meta jkunu ġejjin mid-direzzjoni tar-*roundabout* għal Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, u allura tkun trid tittieħed biċċa żgħira mis-*soft area*.

2.1.9. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

### 2.2.1. Diżinfettar ta' postijiet pubbliċi (K/1/2/Vol V)

2.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.19.1. tas-seduta preċedenti u aċċenna għall-fatt li l-kumpanija Extra Staff Malta, wettqet id-diżinfettar tal-uffiċċju amministrattiv, kif ukoll fiċ-Ċentru Parrokkjali u fil-Kappella tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Aħrax. Huwa talab li tintbagħat nota ta' ringrazzjament.

2.2.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**2.3.1. Attività fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier** **(A/5/3/Vol VIII)**

2.3.2. Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-preżentazzjoni ta' qsari lill-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier fil-21 ta' Ġunju 2020. Hija aċċennat wkoll għall-pjanti li tpoġġew fil-knisja parrokkjali tal-Mellieħa għall-istess okkażjoni. L-Arċipriet ir-Rev. J. Caruana talabha twassal l-apprezzament tiegħu għal dan il-ġest.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Sistema ta' *one-way* fi Triq Salvu Camilleri** **(T/3/2/Vol XV)**

3.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 2.3.1.tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk Infrastructure Malta għandhomx time-frame meta se jibda x-xogħol fuq Triq it-Tabib Joseph Grech Attard.

3.1.3. Is-Segretarju tenna li huwa ġie nfurmat verbalment minn uffiċjal ta' Infrastructure Malta li Triq it-Tabib Joseph Grech Attard ser issir fil-futur qarib, hekk kif il-kuntrattur konċernat itemm xogħlijiet oħra li qed iwettaq attwalment u għalhekk ma ġiet speċifikata ebda data. Is-Sur C. Debono qal li ser jipprova jottjeni t-tagħarif mitlub.

**3.2.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin** **(T/3/2/Vol XV)**

3.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-Seduta u staqsa jekk ġietx identifika persuna li tista tagħti parir professjonali dwar l-miżuri li jistgħu jiġu kkunsidrati sabiex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi fi Triq il-Qortin.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv.

3.3.1. **Spusstjar ta' *pedestrian crossing* fi Triq il-Marfa** **(T/3/2/Vol XV)**

3.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 6 tat-22 ta' Ottubru 2019, meta kien ġie deċiż li l-*pedestrian crossing* li hemm fi Triq il-Marfa, bejn Sqaq Stejfen u Dawret il-Mellieħa tiġi spusstjata iktar lejn ir-*roundabout*. Huwa staqsa dwar jekk din it-talba ġietx milqugħa minn Transport Malta.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fl-affermattiv.

3.3.4. Il-Viċi Sindku kkummenta li dan l-ispustjar għandu jsir wara li jgħaddi s-sajf.

3.3.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 3.3.4.

**3.4.1. Taraġ bejn Triq is-Sliem u Triq l-Hena** **(P/5/2/Vol II)**

3.4.2. Il-Kunsilliera R. Cutajar Bartolo rreferiet għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 13 tal-5 ta' Mejju 2020 u staqsiet dwar jekk it-taraġ imsemmi kienx infetaħ għall-pubbliku, peress li l-iżviluppatur tal-qatgħa ta' biswitu kien qal li t-taraġ se jkun aċċessibbli sal-aħħar ta' Ġunju 2020.

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jara x'hini l-pożizzjoni.

**3.5.1. Tibdil fl-iskedi tal-gbir tal-iskart domestiku** **(K/6/2/Vol V)**

3.5.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 7 tat-13 ta' Novembru 2019 meta kien ġie deċiż li għandu jintalab tibdil fl-L.S. 549.40, fis-sens li ż-żoni Ta' Gerbulin u Tas-Sellum ssir il-ġabra tal-borża s-sewda u l-bajda fil-Ħdud bejn Lulju

u Settembru. Hija staqsiet dwar jekk kienx hemm rispons dwar dan mill-awtoritajiet kompetenti.

3.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li huwa ġie nfurmat verbalment minn uffiċjal mid-Direttorat tal-Ambjent u Tibdil fil-Klima, li l-Kunsill huwa fil-libertà li jagħmel tali tibdil, iżda jkun aħjar jekk dan ma jkunx rifless fl-avviż legali li ser jinħareġ. Dan għar-raġuni li d-direttorat huwa favur li jkun hemm uniformità fis-servizzi mogħtija fil-lokalitajiet kollha.

3.5.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar semmiet kunsilli lokali li jirrendu servizzi oltre dawk indikati fl-L.S. 549.40.

3.5.5. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huma se jindaga xi jsir fil-kunsilli lokali msemmija.

## 3.6.1. Ipparkjar fi Triq il-Marfa (Għadira) (T/3/3/Vol III)

3.6.2. Il-Kunsillier G. Micallef aċċenna għad-domanda kbira li teżisti għall-ipparkjar fiż-żona tal-Għadira, tant li qed ikun hemm vetturi pparkjati f'Dawret il-Mellieħa u fi Triq il-Marfa sar-*roundabout* ma' Triq l-Armier. Huwa staqsa dwar x'pożizzjoni qed tiġi addotata mill-Pulizija u l-LESA fil-konfront ta' din is-sitwazzjoni.

3.6.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li dawk il-vetturi kollha li jkunu 'l barra mill-linja bajda fil-ġenb tat-triq, qed jingħataw ċitazzjoni.

## 3.7.1. Xogħlijiet fir-ramla tal-Għadira (T/4/2/Vol XXI)

3.7.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għall-minuta 2.8.1. tas-Seduta Nru. 13 tal-5 ta' Mejju 2020 u staqsa dwar jekk kienx hemm titjib fis-sitwazzjoni tal-*barbecue area* fl-Għadira wara x-xogħlijiet li saru mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

3.7.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li permezz ta' korrispondenza li għaddiet u kuntatti verbali fuq dan is-suġġett, fl-1 ta' Lulju 2020 għandha ssir laqgħa fuq il-post ma' uffiċjali tal-korporazzjoni dwar il-bankijiet li nqalgħu minn posthom u oħrajn li sarithom ħsara rreparabbli biex inqalgħu. Dan bil-għan li jiġu restitwiti fil-post.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 26/06/20;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*petty cash* – 18/04/20 – 08/06/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 01/06/20 – 26/06/20;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

## 5.1.1. Indikaturi dwar is-separazzjoni, l-istat tal-indafa u l-istat tat-toroq (K/6/7/Vol VI )

5.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għal rapport ikkummissjonat mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li stabilixxa ħames funzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u l-prestazzjoni ta' Mellieħa ġiet imqabbla mal-medja nazzjonali. Irriżulta mir-rapport li sar mid-ditta Sixth Energy Malta, li l-Mellieħa marret kif jidher fl-iskeda t'hawn taħt:

| **Funzjoni** | **Medja Nazzjonali** | **Punteġġ mogħti lill-Mellieħa** |
|---|---|---|
| 1 Piż ta' skart iġġenerat kull dar | 143 Kg kull unit residenzjali | 262 Kg per kull unit residenzjali |

| | | |
|---|---|---|
| 2.Perċentwali ta' skart domestiku mibgħut għar-riċiklaġġ | 46.27 % | 26.87 % |
| 3 Indafa fit-toroq u l-ambjent | 23 | 4 |
| 4 Rimi ta' terrapien u skart f'postijiet mhux awtorizzati | 4 | 1 |
| 5 Stat ta' manutenzjoni fit-toroq | 10 | 3 |

Nota: Għall-funzjonijiet Nri. 1, 3, 4, u 5, punteġġ baxx jirrappreżenta prestazzjoni tajba u għall-funzjoni Nru. 2, punteġġ għoli jirrappreżenta prestazzjoni tajba.

5.1.3. Is-Segretarju kkummenta li l-prestazzjoni dwar l-indikaturi 1 u 2, wieħed jista' jattribwiha għall-fatt li fil-lokalità ikun hawn influss ta' residenti għax-xhur tas-sajf li mhumiex reġistrati uffiċjalment bħala tali taħt il-lokalità tal-Mellieħa. Dan japplika fil-każ tal-kmamar fiż-żoni ta' Ramlet il-Qortin, l-Armier iż-Żgħir, fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, il-*Caravan Site* tal-Għadira, il-*boathouses* fix-Xatt ta' Santa Marija. Sar aċċenn ukoll li diversi bars u stabbilimenti li jservu l-ikel m'għandhomx kuntrattur privat u l-iskart li jiġġeneraw jinġabar permezz tas-servizz mogħti mill-Kunsill, li huwa intiż għar-residenti.

5.1.4. Il-Kunsill innota l-istatistika mogħtija.

## 5.2.1. Ġbir ta' skart domestiku mill-Qammieħ (K/6/2/Vol V)

5.2.2. Saret referenza għall-imejl datat 16 ta' Ġunju 2020 fejn resident fi Triq il-Qammieħ qed jitlob li l-iskart domestiku jinġabar minn wara l-bieb tad-dar tiegħu, kif isir f'żoni urbani.

5.2.3. Is-Sindku D. Vella qal li l-persuna konċernata qed tallega li huwa għandu l-karta tal-identità fuq Triq il-Qammieħ u għalhekk qed jallega għandu d-dritt għas-servizz bieb-bieb ta' ġbir tal-iskart domestiku. Huwa qal li jeżistu diversi persuni li għandhom il-karta tal-identità bl-indirizz fejn hemm il-*boathouses*, filwaqt li hemm minn joqgħod f'irziezet li lkoll jużaw l-eqreb *bins-on-wheels* ipprovduti.

5.2.4. Fuq proposta tal-Kunsilliera A. Brincat Stellini kien hemm qbil li għandu jinkiseb parir legali. Il-Kunsillier I. Castillo qabel mal-proposta.

## 5.3.1. Żamma tal-qtates imsewwija *(neutered)* (A/9

5.3.2. Saret referenza għal imejl datata 9 ta' Ġunju 2020, mibgħut mill-Kunsillier M. Abela, fejn aċċenna għall-fatt li l-koppja Frank u Janet Gauci kienu għarrfu lill-Kunsill illi m'għadhomx f'pożizzjoni li jibqgħu jieħdu ħsieb il-qtates li jkunu ġew trattati, liema qtates jinżammu f'kamra li tifforma parti mil-kumpless tal-iżiezet f'Selmun. Huwa appella sabiex iċ-ċwievet jingħataw lill-voluntieri oħra li lesti jagħmlu dan ix-xogħol.

5.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li xi ħadd mill-voluntieri diġa għandu aċċess għall-post, peress li ġie rrappurtat *extractor fan* li ma kienx qed jaħdem.

5.3.4. Il-Kunsill approva din il-proposta, sakemm ikun hemm persuna waħda tassumi r-responsabiltà taċ-ċwievet.

## 5.4.1. Mellieħa SC Futsal (S/6/Vol IV)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 23 ta' Ġunju 2020, fejn it-tim imsemmi staqsa dwar il-possibilità li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jgħin fix-xiri ta' tagħmir u ħwejjeġ li jintlibsu waqt il-logħob. Intqal li t-tim ser ikun qed jiddebutta fil-kampjonat nazzjonali.

5.4.3. Il-Kunsill innota li l-applikant qal li t-tim huwa affiljat fil-Mellieħa Sports Club, u għaldaqstant kien hemm qbil li għandha tinġieb konferma dwar dan mill-kumitat ċentrali tal-istess klabb.

**5.5.1. Skemi ta' finanzjament offruti mill-Awtorità tal-Ippjanar** **(P/5/15)**

5.5.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg irrefera għal imejl datat 12 ta’ Ġunju 2020, fejn l-Awtorità tal-Ippjanar stiednet lill-Kunsilli msieħba fir-Reġjun Tramuntana għall-preżentazzjoni dwar l-iskemi ta’ finanzjament offruti u l-proġetti li huma eliġibbli.

5.5.3. Il-Kunsill qabel li din il-materja għandha titħalla għas-seduta li jmiss.

**5.6.1. Ħarġiet kulturali ffinanzjat mill-Iskema tal-LESA** **(F/1/7/Vol V)**

5.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-fondi tal-LESA 2020 u għarrfet li għad fadal madwar €1,300 mis-somma allokata li mhux minfuqa. Dan jirriżulta mill-fatt li l-ħarġiet kulturali kellhom jitwaqqfu minħabba l-imxija tal-Covid-19. Għaldaqstant hija pproponiet li jintalab il-kunsens tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex dawn il-fondi jiffinanzjaw xi inizjattiva oħra fil-qasam soċjali.

5.6.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.7.1. Bankina fi Triq il-Mellieħa** **(T/4/7/Vol III)**

5.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għall-ħtieġa li ssir bankina mit-triq biswit Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata sat-triq ta’ l-Irdum id-Delli, fejn hemm waħda mid-daħliet għall-Park tal-Majjistral. Il-ħtieġa tagħha ġejja mill-fatt li minn jiġi biex iżur il-park iħalli l-vettura fil-Misraħ u jimxi lejn it-triq tal-Irdum id-Delli.

5.7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo esprima d-dubji tiegħu dwar kemm il-wisa’ tat-triq jippermetti li ssir bankina ta’ 1.2 metri.

5.7.4. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma’ Infrastructure Malta.

**5.8.1. Ħarsien tal-għaram tar-ramel fir-Ramla tat-Torri l-Abjad** **(X/1/6/Vol II)**

5.8.2. Saret referenza għall-imejl datat 29 ta’ Ġunju 2020, mibgħut mill-Kunsillier G. Micallef fejn ġibed l-attenzjoni dwar in-nuqqas ta’ *litter-bins* fuq ir-ramla, kif ukoll rigward il-ħtieġa li jiġu protetti l-għaram tar-ramel fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, billi:

1) Jsir passaġġ tal-injam madwar l-għaram sabiex jimxi fuqhom kull minn imur, filwaqt li l-pubbliku għandu jiġi edukat dwar l-importanza ekoloġika tagħhom; u

2) Jitwaħħlu tabelli dwar l-flora u fawna li wieħed isib f’dan il-post.

5.8.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, aċċenna għall-fatt li fl-2003, in-Nature Trust kienet għamlet pressjoni fuq l-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar sabiex dawn jiġu mħarsa.Fil-fatt kien sar *chain-link fence* bejn it-triq u l-għaram, kif ukoll saru xi tabelli sabiex ma jidħlux vetturi fuqhom. Huwa rrakkomanda li għandu jsir appell lill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi sabiex il-miżuri fiżiċi li kienu hemm jerġgħu jsiru.

5.8.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 5.8.3.

**5.9.1. Miżuri favur l-integrazzjoni soċjali** **(I/3)**

5.9.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta’ Ġunju 2020 mibgħut mir-Reġjun Tramuntana dwar laqgħa li titratta s-suġġett t’hawn fuq, li saret fil-15 ta’ Ġunju u għaliha attendew l-Kunsillieri G. Micallef u A.Brincat Stellini.

5.9.3. Saret referenza wkoll għal imejl datat 23 ta’ Ġunju 2020, fejn id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali stiednet lill-Kunsilli Lokali sabiex rappreżentanti minn fosthom jattendu taħriġ intiż sabiex wieħed jottjeni ħiliet f’dan l-qasam.

5.9.4. Is-Sur Micallef qal li l-laqgħa ssejħet biex jiġu jdentifikati persuni sabiex jirrappreżentaw komunitajiet ta' residenti barranin u *stakeholders* oħra bil-għan li tkun tista' tissejjaħ konferenza nazzjonali. Huwa qal likien hemm preżenti uffiċjal minn Identity Malta li ser jgħin biex jinġabru dettalji dwar persuni barranin residenti fil-lokalitjiet rispettivi. Is-Sur G. Micallef qal ukoll li ser jingħata żmien sat-3 ta' Lulju 2020 sabiex dawk preżenti jħejju l-idejat tagħhom bil-għan li jiġu trattati fil-konferenza.

5.9.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li segwew din il-laqgħa madwar tletin persuna ġejjin minn fost il-Kunsill Lokali msieħba fir-Reġjun Tramuntana, u numru ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi.

5.9.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.10.1. Sejħa għall-Offerti MLC 3/2020 - Bdil ta' *outdoor gym equipment* u *rubber flooring* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

5.10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li s-sejħa msemmija għalqet fis-26 ta' Ġunju 2020 u r-rispons għaliha kien kif jidher fl-iskeda t'hawn taħt:

| Offerta Nru. | Offerent | Prezz bil-VAT eskluża (€) |
|---|---|---|
| 135290 | Projekte Global Ltd | 21,195.72 |
| 135263 | Lawrence Bellizzi | 24,643.00 |
| 135260 | Lawrence Bellizzi | 48,156.00 |
| 135197 | Lawrence Bellizzi | 22,994.00 |
| 135259 | J.G.C. Ltd | 17,949.68 |
| 135256 | J.G.C. Ltd | 22,878.68 |
| 135253 | J.G.C. Ltd | 21,554.07 |
| 135206 | Opal (Outdoor Play & Leisure) | 18,328.00 |
| 135107 | Globber Ltd | 19,716.00 |
| 134414 | 360 Retail Supplies | 35,895.00 |

5.10.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg iddikjara li ibnu huwa wieħed mid-diretturi tal-kumpannija Gokker Ltd, u għaldaqstant ser ikun qed jastjeni minn kull diskussjoni u deċiżjonijiet li sussegwentement jittieħdu dwar din il-materja, skont kif provdut fl-Artiklu 19 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

5.10.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg iddikjara li huwa kuġin wieħed mid-diretturi tal-imsemmi offerent, u għaldaqstant mhux ser ikun qed jipparteċipa bl-ebda mod fid-diskussjoni u deċiżjonijiet dwar din is-sejħa.

5.10.5. Fid-dawl tad-dikjarazzjoni li saret skont il-minuta 5.10.3., il-Kunsill qabel ukoll li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni jkun kompost mis-Sindku D. Vella, il-Kunsillieri E. Bartolo, u R. Bartolo Cutajar.

5.10.6. Is-Sur C. Debono għarraf li s-sottomissjonijiet li saru ġew mgħoddija lill-*Contracts Manager* għar-rapport tekniku, qabel l-offerti li saru jiġu kkunsidrati mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

### 5.11.1. Sewqan perikoluż fi Triq l-Etna (T/3/2/Vol XV)

5.11.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għal minuta 5.11.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf, illi huwa kkuntattja lill-firmatarji tal-petizzjoni, u kkonferma li qed jintalbu tliet speed humps bejn Taraġ il-Baqquniera sa Taraġ il-Landiera.

5.11.3. Il-Kunsill qabel li għandu jintbagħat kwestjonarju lir-residenti ta' Triq l-Etna, fil-parti ndikata fil-minuta preċedenti, sabiex jiġu mistoqsija dwar jekk jaqblux li ssir *speed hump* f'nofs il-blokka, flimkien ma' *rumble strips* fuq iż-żewġ naħat tagħha.

### 5.12.1. Eco Market (A/6/3/2/Vol 80)

5.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 15 ta' Ġunu 2020 mibgħut minn Eco Market Malta sabiex jerġa' jsir bejn tal-prodotti msemmija f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-14 u l-15 ta' Awwissu 2020.

5.12.3. Il-Kunsill ddeċieda li jkun aħjar illi tali attività ma ssirx fid-dawl tal-fatt li anke avvenimenti ewlenin tal-Kunsill u tal-Parroċċa stess ġew kkanċellati, jew ser iseħħu b'mod restrett ħafna.

### 5.13.1. Xogħlijiet fi Dawret it-Tunnara (T/4/7/Vol III)

5.13.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għax-xogħlijiet li għaddejjin fil-parti ta' Dawret it-Tunnara, bejn Triq is-Sajjieda u Triq it-Trill. Kompla jgħid li s-sidien ta' proprjetà f'din il-parti tat-triq qed joġġezzjonaw għal ħajt tal-konkos solidu l'fuq mil-livell tat-triq li ser jgħarraq id-dehra tagħha, kif ukoll ser jgħatti l-veduta tal-baħar mill-istess livell. Huwa fakkar li fis-seduta Nru. 3 tat-12 ta' Awwissu 2019 kien għamel proposta sabiex isir puġġaman.

5.13.3. Is-Sindku qal li x-xogħol ser isir skont il-permess maħruġ mill-Awtorità l-Ippjanar – PA 9389/19.

5.13.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li skont il-perit ta' Infrastructure Malta, il-ħajt ser isir sabiex inaqqas l-effett tal-mewġ u jipproteġi l-proprjetà. Huwa qal li skont l-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar il-ħajt ser ikun 1.1 metri għoli mil-livell ta' wiċċ it-triq.

5.13.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa jekk huwiex possibbli li jsiru *wave breakers* fil-baħar stess sabiex tiġi evitata l-ħtieġa ta' ħajt daqshekk massiċċ.

5.13.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Infrastructure Malta sabiex jikkonsidraw il-possibiltà li l-ħajt ma jkunx aktar għoli minn nofs metru mil-livell tat-triq u jsir puġġaman fuqu tat-tip li hemm matul il-*promenade* ta' Triq iċ-Ċirkewwa. Għandu jiġi kkunsidrat ukoll li l-profil tal-ħajt fuq in-naħa tal-baħar jiġi nkorporat xorta waħda fl-għoli tal-ħajt kif imnaqqas.

### 5.14.1. Puġġaman fil-Marfa (T/3/4)

5.14.2. Il-Kunsillier R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li ċ-ċint li hemm mal-ġenb tat-triq fil-Marfa huwa ta' filata waħda u għaldaqstant ipproponiet li dan jogħla sabiex joffri aktar siġurtà għal min jiffrekwenta l-post.

5.14.3. Il-Kunsill qabel li għandu jitkompla l-puġġaman li ġej mill-*promenade* ta' Triq iċ-Ċirkewwa, li jikkonsisti minn ċint tal-konkos b'puġġaman tal-ħadid fuqu.

### 5.15.1. Sewqan perikoluż fi Triq Wied Musa (T/3/2/Vol XV)

5.15.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġeriet li ssir *speed hump* fit-triq imsemmija qrib id-daħla għan-Noah's Arc Animal Sanctuary. Dan peress li spiss ikun hemm voluntieri li jaqsmu Triq Wied Musa biex imorru jdawwru l-klieb. Hija aċċennat ukoll li t-triq tikkonsisti minn tlajja u nżul u għalhekk wieħed ma jkun qed jara vetturi li jkunu ġejjin fid-direzzjoni tiegħu.

5.15.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex issir *speed hump*.

**5.16.1. Tindif volontarju u tħawwil ta' siġar** **(T/6/1/Vol IV)(A/3/Vol III)**

5.16.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ipproponiet li ssir *clean-up* fiż-żoni tal-Marfa u ċ-Ċirkewwa fuq in-naħa tal-baħar sabiex jinġabar il-plastik u skart ieħor li jista' jispiċċa fil-baħar. Hija ssuġġeriet li din tiġi kordinata flimkien mal-Kunsillier G. Micallef, peress li l-indafa tax-xtut taqa' fir-responsabiltà tiegħu.

5.16.3. Is-Sur G. Micallef qabel mal-proposta fid-dawl tal-*Wave of Change Campaign*, kif ukoll minħabba l-viżibilità peress li attwalment il-pubbliku qed jiffrekwenta dawn il-postijiet.

5.16.4. Il-Kunsill qabel li l-attività għandha ssir nhar is-Sibt 18 ta' Lulju 2020 mill-5.00 pm 'il quddiem.

**5.17.1. Ipparkjar mal-*bring-in site* tal-Armier** **(T/3/2/Vol XV)**

5.17.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li qed ikun diffiċli sabiex wieħed jagħmel użu mill-faċilità msemmija, peress li qed ikun hemm vetturi pparkjati magħha. Din il-prattika anke qed ixxekkel it-tbattil tal-istess *bins*.

5.17.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg ippropona li jsiru l-ispazji għall-ipparkjar fl-Armier fil-formazzjoni *fishbone* sabiex jiskaraġġixxu t-tqegħid ta' caravans u *campers*.

5.17.4. Is-Sindku D. Vella kkummenta li l-wiċċ tat-triq għadu tat-tip *chip-and-spray* u huwa diffiċli li jsiru sinjali tal-karreġġjata fuqu.

5.17.5. Il-Kunsill qabel li jsiru sinjali tal-karreġġjata *Keep Clear* flimkien ma' tabella li tindika dan.

**5.18.1. Ingombru fuq il-Moll tat-Tunnara** **(X/1/5)**

5.18.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li l-moll imsemmi qed ikun ingumbrat b'vetturi u karrijiet b'tali mod li qed jixxekkel l-użu tas-*slipway*.

5.18.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li diġa jeżistu tabelli u sinjali mal-art u għaldaqstant jeħtieġ li jkun hemm aktar infurzar kostanti tal-istess restrizzjonijiet.

**5.19.1. Tindif fi Triq in-Naħal** **(T/4/6/Vol V)**

5.19.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni għall-parti ta' Triq in-Naħal li tinsab bejn Taraġ il-Baqquniera u Taraġ il-Landiera, liema parti għadha mhijiex żviluppata. Hija pproponiet li din titnaddaf mill-iskart li hemm fiha, jinqata l-ħaxix, u jitħawwlu xi arbuxxelli.

5.19.3. Il-Kunsill laqa' is-suġġeriment.

**5.20.1. Periklu għall-qtates fil-Manikata** **(T/3/2/Vol VX)**

5.20.2. Il-Kunsillier M. Abela qal li nġibditlu l-attenzjoni li spiss ikun qtates li jintlaqtu minn vetturi fi Triq ix-Xifer, Triq Dun Manwel Grima, u fi Triq il-Knisja l-Qadima. Huwa appella sabiex jitwaħħlu tabelli f'dawn it-toroq li jindikaw il-preżenza tal-qtates fit-toroq imsemmija.

5.20.3. Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu t-tabelli mitluba fit-toroq indikati.

**5.21.1. *Junction* ta' Triq il-Marfa ma' Triq il-Qammieħ** **(T/3/3/Vol V)**

5.21.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-*junction* imsemmija, fejn is-sinjali tal-karreġġjata saru b'tali mod, li vetturi ħerġin mill-*caravan site* tal-Għadira jistgħu jaqsmu il-korsija lejn iċ-Ċirkewwa, filwaqt li vetturi ħerġin minn Triq il-Qammieħ, ftit metri 'il fuq, ma jistgħu jagħmlu l-istess manuvra. Huwa kkummenta li l-periklu jeżisti fiż-żewġ postijiet u għalhekk is-sinjali

tal-karreġġjata li saru riċenti għandhom ikunu linji kontinwi sabiex minn ikun ħiereġ mill-*caravan site* u Triq il-Qammieħ imur idur mar-*roundabout* fi triqtu lejn il-Mellieħa. Is-Sur Castillo qal li l-problema se tiġġrava hekk kif jibda x-xogħol fuq il-lukanda Mellieħa Bay.

5.21.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal illi huwa importanti li tinżamm il-konsistenza, għaliex iż-żewġ postijiet ta' ħruġ huma qrib xulxin u t-tnejn jinvolvu l-istess riskji.

5.21.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li l-arranġament attwali ilu fis-seħħ is-snin. Dan kien sar sabiex jiġi faċilitat l-aċċess bil-*coaches* għal-lukanda Mellieħa Bay. Li sar riċenti huwa li ġie pprojbit ħruġ minn Triq il-Qammieħ għal Triq il-Marfa fid-direzzjoni tal-Mellieħa. Minkejja dan huwa jaqbel li jkun hemm aktar siġurtà jekk it-traffiku kollu juża r-*roundabout*. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li din il-miżura tittieħed wara li jgħaddi is-sajf.

5.21.5. Fid-dawl tal-punti mqajma, il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġbed l-attenzjoni ta' Transport Malta sabiex isiru magħrufa eżattament xi pjanijiet hemm dwar din il-*junction*, u kemm-il darba dan mhux il-każ, għandha ssir insistenza li ma jkunx hemm qsim minn naħa tal-*caravan* site u Triq il-Qammieħ fir-direzzjoni lejn il-Mellieħa.

## 5.22.1. *Caravans* u *campers* fil-Bajja tal-Mistra u fl-Armier iż-Żgħir (C/4/Vol IV)

5.22.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-ipparkjar ta' *caravans* u *campers* man-naħa tal-baħar fil-Bajja tal-Mistra. Huwa qal li dan qed joħloq konġestjoni għal minn jiffrekwenta l-post. Għaldaqstant ippropona li ssir linja safra mal-ġenb tal-baħar sabiex ma jsir xejn ipparkjar fuq dik in-naħa tat-triq.

5.22.3. Is-Sindku D. Vella qal li huwa jaqbel ma' din il-proposta, peress li l-istess *caravans* u *campers* ikunu mdawwrin b'imwejjed u siġġijiet, li wieħed irid joqgħod attent kif jgħaddi bejniethom.

5.22.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-linja safra għandha ssir fil-parti tal-bajja fejn jgħumu n-nies, filwaqt li l-Kunsillier K. Buttigieg ippropona li l-parking bays eżistenti għandhom jsiru fil-formazzjoni *fishbone* sabiex jiskoraġġixu l-ipparkjar ta' *caravans*.

5.22.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Transport Malta sabiex issir linja safra man-naħa tal-baħar fejn jeżisti aċċess bir-riġel għall-baħar, kif ukoll li jsiru *parking bays* fil-formazzjoni *fishbone* man-naħa l-oħra tat-triq, bil-għan li jiżdiedu l-ispazji għall-ipparkjar, kif ukoll jikkompensaw għal dawk li ser jintilfu minn naħa tal-baħar.

## 5.23.1. Minżel li jagħti għall-Irdum il-Qawwi (D/3/1/Vol V)

5.23.2. Il-Kunsillier I. Castillo aċċenna għall-post imsemmi, li jinsab f'tarf Triq Għajn Tuta fuq ir-riħ tal-Irdum il-Qawwi. Huwa spjega li jeżisti taraġ wieqaf, mibni minn taħlita ta' ġebel u briks. Ritratt tal-istess taraġ ġie muri waqt is-seduta.

5.23.3. Wara li l-Kunsill ra l-ambjent fejn jinsab il-post indikat, iddeċieda li għandu jitneħħa l-briks li tqiegħed u jinbidel b'ġebel li jmur mal-post.

## 5.24.1. Sewqan perikoluż fi Triq Għajn Tuta (T/3/2/Vol XV)

5.24.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li riċentement kien hemm żewġ inċidenti separati fejn ittajjru klieb fit-triq imsemmija minn vetturi li kienu għaddejjin b'veloċità qawwija. Huwa appella li jsiru *speed humps* sabiex jitnaqqas dan l-abbuż.

5.24.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u talab li ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

## 5.25.1. Ftuħ mill-ġdid tal-librerija pubblika (L/4/Vol III)

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li bir-rilaxx ta' iktar restrizzjonijiet marbuta mal-Covid-19, b'effett mill-1 ta' Lulju 2020, ser terġa tinfetaħ il-librerija bil-prekawzjonijiet indikati mill-awtoritajiet tas-saħħa. L-unika problema li hemm hija dwar l-aċċess għat-*toilets* mill-pubbliku.

5.25.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Libraries Malta għaddew l-attrezzi kollha meħtieġa biex jiġu segwiti l-prekawzjonijiet imsemmija, filwaqt li għaddejja korrispondenza mal-Amministrazzjoni tal-Iskola Primarja dwar l-aċċess għat-*toilet* mill-pubbliku, bil-għan li tinstab soluzzjoni.

5.25.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**5.26.1. Ftuħ mill-ġdid taċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva** **(T/3/2/Vol XV)**

5.26.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li wara r-rilaxx tar-restrizzjoni tal-Covid-19, ser jerġa' jiftaħ iċ-ċentru ta' matul il-jum u għaldaqstant ser ikomplu s-sessjonijiet tal-pilates u jingħata s-servizz ta' trasport għall-anzjani minn darhom u lura.

5.26.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.27.1. Korsijiet fis-sala tal-Kunsill** **(E/3/1/9/Vol IV) (M/8/Vol VI)**

5.27.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-korsijiet tal-kompjuter għat-tfal u l-adulti, li kienu għaddejjin qabel twaqqfu minħabba l-imxija tal-Covid-19. Hija staqsiet dwar jekk dawn għandhomx jitkomplew.

5.27.3. Il-Kunsill innota li l-korsijiet tat-tfal għadhom ma nbdewx u għalhekk qabel li dawn jibqgħu weqfin matul is-sajf, minħabba li mhux faċli illi t-tfal josservaw il-prekawzjonijiet mitluba mill-awtoritajiet tas-saħħa, sabiex possibilment jibdew wara Ottubru 2020. Kien hemm qbil li l-korsijiet tal-adulti li diġa nbdew għandhom jiġu konklużi.

**5.28.1. Taħditiet dwar kundizzjonijiet ortopediċi** **(M/6/Vol VI)**

5.28.2. Sar aċċenn għal imejl datat 27 ta' Diċembru 2019, fejn saret proposta sabiex jingħataw tliet taħditiet, mingħajr ħlas, fis-sala tal-Kunsill, dwar is-suġġett imsemmi.

5.28.3. Il-Kunsill iddeċieda li inizjattivi bħal dawn għandhom jiġu kkunsidrati wara Ottubru 2020.

**5.29.1. Tqassim ta' ħwejjeġ għall-karità** **(K/1/3/Vol III)**

5.29.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 16 ta' Ġunju 2020, mibgħut minn organizzazzjoni bl-isem Malta & Gozo Reiki Academy li jiġbru ħwejjeġ użati sabiex jitqassmu lil persuni fil-bżonn. Huma talbu sabiex il-Kunsill jipprovdi post sabiex dawn ikunu jistgħu jinżammu fiħ.

5.29.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux spazju biex jakkomoda din l-inizjattiva.

**6.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg, illi tgħid:**

**"Billi l-kuntratt li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq mhux Urbani, intemm it-terminu tiegħu;**

**Billi saret sejħa għall-offerti (MLC 1/2020) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mir-Rapport ta' Evalwazzjoni datat 19 ta' Ġunju 2020; u**

**Billi l-Kunsill ivvota somma fl-Estimi għas-sena 2020 u l-Pjan ta' Ħidma 2020-2025, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3052;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi iffirmat kuntratt mal-offerent E.C. Municipals illi jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-1 ta' Awwissu 2020, skont il-prezzijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta.".**
**(T/4/6/Vol IV)**

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

**7.1. Proġett *Slow Street*** **(T/3/6)**

7.2. Is-Sindku D.Vella qal illi fl-4 ta' Ġunju 2020 huwa attenda laqgħa li saret dwar dan il-proġett, liema laqgħa ġiet msejħa mir-Reġjun Tramuntana. Il-prġett ġie mniedi aktar kmieni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Ministeru għall-Patrimonju Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u Tansport Malta. Huwa spjega li *Slow Streets* jipproponi diversi soluzzjonijiet sabiex il-ħajja fil-lokalitajiet tkun aktar trankwilla, permezz ta' żoni pedonali, l-użu tar-roti, il-mixi, *remote working*, eċċ.

7.3. Permezz ta' imejl datat 11 ta' Ġunju 2020, ir-Reġjun Tramuntana għarraf li hemm l-intenzjoni li ssir sejħa għall-offerti sabiex jinkiseb servizz ta' perit li jkun jista' jgħin lill-Kunsilli Lokali fil-proposti tagħhom. Permezz tal-istess ittra, ir-Reġjun qal li minn ma jottjeniex is-servizz ipprovdut minnu, mhux ser jgħaddi fondi lil dawk illi ma jipparteċipawx fih. Minn naħa l-oħra, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali ser toffri servizz simili, iżda bi ħlas ta' €3,000. Il-Kunsill ġie mistoqsi dwar jekk jixtieqx jieħu sehem fil-proġett, u jekk iva, mingħand minn ser jottjeni gwida professjonali dwar il-proposti li jixtieq jissottometti.

7.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li minkejja l-offerta tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tinvolvi nefqa ta' €3,000 (VAT eskluża), din ser tipprovdi professjonisti li diġa huma orjentati lejn il-proġett, u għalhekk wieħed jistenna riżultati aħjar.

**8.1. Reviżjoni tal-*Bye-laws* K.L.B.L. 37/02/2017 dwar Attivitajiet fil-Beraħ**
**(B/5/Vol IV)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-Seduta Nru. 13 tal-5 ta' Mejju 2020 u għarraf li skont kif provdut fl-Artiklu 35(1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali sar avviż fil-ġurnali, fis-sit elettroniku u fil-media soċjali, fejn tħabbar li l-Kunsill qiegħed jiddiskuti il-*bye-laws* K.L.B.L 37/2/2017. Il-pubbliku ġie mistieden jispezzjoni l-abbozz tal-*bye-laws* billi jirrikorri fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, jew tramite s-sit elettroniku www.mellieha.gov.mt sat-30 ta' Ġunju 2020. Is-Sur C. Debono qal li ma jirriżultax li kien hemm korrispondenza dwar l-emendi proposti.

8.3. Fid-dawl tal-informazzjoni mogħtija, il-Kunsill iddeċieda li jgħaddi t-test lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali skont l-Artiklu 35(2) tal-att imsemmi.

**9.1. Sejħa għall-Offerti MLC 2/2020 – Servizz ta' *Contracts Manager*** **(K/6/5/2)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li s-sejħa għalqet fis-16 ta' Ġunju 2020 u kien hemm ħames offerti li kienu kif jidher fl-iskeda t'hawn taħt:

| **Offerent** | **Spiża Annwali (VAT eskluża)** |
|---|---|
| Yama Yama Ltd | €5,040 |
| Perit Joseph Attard | €9,125 |
| Proofreading.com.mt | €3,588 |
| Renergy Ltd | €5,000 |
| GCS Accounting Malta Ltd | €5,760 |

9.3. Il-Kunsill talab lill-Kumitat konċernat sabiex jevalwa l-offerti li saru u jressaq ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

**10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 26 ta' Ġunju 2020.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn it-18 ta' April u t-8 ta' Ġunju 2020.

10.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-1 u s-26 ta' Ġunju 2020.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-Kunsillieri, is-seduta spiċċat fl-10.00 pm u kien hemm qbil li tiġi aġġornata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Gunju 2020 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**